FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

A.MICALLEF TRIGONA LL.D.,MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 8 TA' OTTUBRU 2015

Il-Pulizija

(Spettur Robert Vella)

vs

Marlon Camilleri

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru309983(m), akkuzat talli:

1. U nakkuzah talli nhar l-24 ta' Novembru, 2013, ghall-habta tal-11.00 ta' filghodu gewwa l-lokalita'tas-Swieqi, flimkien ma persuna ohra, kkommetta serq ta' vettura tal-ghamla Ford Mondeo bin-numru tar-registrazzjoni **FBW-803** ghad-dannu ta' Simon Green u jew ta' persuna jew persuni ohra liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi elfejn tliet mija w disgha w ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) u bix-xorta tal-haga misruqa, u dan bi ksur tal-Artikoli 261(c)(g), 267, 271 u 279 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. talli fl-istess data ghall-habta ta' 12.00hrs gewwa l-lokalita' tal-Hamrun, flimkien ma persuna ohra, bil-hsieb li jaghmel reat ta' serq ta' vettura tal-ghamla Opel Vectra bin-numru ta' registrazzjoni **ML04YJF** ghad-dannu ta' Fayton Falzon u/jew persuna jew persuni ohra, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu, u li kieku sehh kien ikun serq ikkwalifikat bil-mezz, bix-xorta tal-haga misruqa u bil-valur li huwa ta' aktar minn mitejn tnejn u tlettin euro u erbgha w disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija w disgha w ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37), u dan bi ksur tal-Artikoli 41, 261(c)(g), 267 u 271 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamel offiza ta' natura hafia fuq il-persuna ta' Fayton Falzon skond kif iccertifikat Dr. Satya Brata Das MD (Reg. 2141) mic-Centru tas-Sahha tal-Floriana u dan bi ksur ta' Artiklu 221, tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi fil-waqt li kien qed jaghmel reat kontra l-persuna jew ta' serq jew hsara fil-proprjeta', kellu fuq il-persuna tieghu arma regolari (BB Gun) jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oggetti, u dan bi ksur ta' l-Artiklu 55(a) tal-Kapitlu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, involontarjament ikkaguna hsara fuq vettura tal-ghamla Peugeot bin-numru ta' registrazzjoni **MNU-235** ghad-dannu ta' Emmanuel Francalanza u/jew persuna jew persuni ohra, u dan bi ksur ta' Artiklu 328, tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija jew ma halliex jew fixkel waqt li kienu jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b'xi mod bla jedd indahal fl-istess dmirijiet billi ma halliex lill-membri tal-Korp tal-Pulizija jaghmlu dak li b'ligi kienu ordnati li jaghmlu u billi hassar jew gab fix-xejn dak li l-membri tal-Korp tal-Pulizija kienu ghamlu, u dan bi ksur ta' Artiklu 338(ee), tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. talli fl-istess data ghall-habta tan-12.30hrs gewwa l-lokalita' tas-Swieqi, attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra l-persuna ta' diversi membri tal-Korp tal-Pulizija, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku fil-waqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi minn Awtorita` kompetenti, u dan bi ksur ta' l-Artiklu 96(a) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' diversi membri tal-Korp tal-Pulizija, persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, u dan bi ksur ta' Artiklu 95(1) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

9. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamel offiza ta' natura hafia fuq il-persuna ta' Pc 131 Nathan Bugeja skond kif iccertifikat Dr. Kenneth Vassallo MD (Reg. 2965) mic-Centru tas-Sahha tal-Floriana, u dan bi ksur ta' Artiklu 221, tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

10. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija jew ma halliex jew fixkel waqt li kienu jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b'xi mod bla jedd indahal fl-istess dmirijiet billi ma halliex lill-membri tal-Korp tal-Pulizija jaghmlu dak li b'ligi kienu ordnati li jaghmlu u billi hassar jew gab fix-xejn dak li l-membri tal-Korp tal-Pulizija kienu ghamlu, u dan bi ksur ta' Artiklu 338(ee), tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

11. talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi kiser il-kwiet u l-buon ordni pubblika b'ghajjat u glied, u dan bi ksur ta' Artiklu 338(dd), tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

12. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi u anke fil-gimghat ta' qabel gewwa dawn il-gzejjer, kellu fil-pussess tieghu il-pjanta *Cannabis* kollha jew bicca minnha, u dan bi ksur ta' l-Artiklu 8(d) tal-Kapitlu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

13. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi u anke fil-gimghat ta' qabel gewwa dawn il-gzejjer, kellu fil-pussess tieghek ir-raza mehudha mil-pjanta *Cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, u dan bi ksur tal-Artiklu 8(a) tal-Kapitlu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' htija tqis lill-imputat bhala li sar recediv ai termini ta' l-Artikli 49, 50 u 289 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta wara li kien misjub hati ta' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti hija mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika il-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghndhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artiklu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat r-rinviju ghall-gudizju tal-Avukat Generali permezz ta' liema u ai termini tal-artikoli tal-ligi minnu hemm citati baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn dina l-Qorti dwar xi htija jew nuqqas taghha fl-imputat;

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kawza tigi trattata sommarjament;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha:

Ikkonsidrat:

Fuq istanza tal-Avukat Generali l-imputat jinsab akkuzat b'serq aggravat u bl-attentat tieghu, bl-ikkagunar ta' feriti hfief, b'pussess ta' arma regolari; bi hsara involontarja fuq vettura Peaugot numru ta' registrazzjoni MNU 235; b'ingurji u theddid diretti lejn ufficjali tal-Pulizija: b'attakk u resistenza kontra l-istess membri tal-pulizija u b'numru ta' tlett kontravenzjoniet u fl-ahharnet bir-recidiva. L-akkuza tipprospetta wkoll l-pussess tal-pjanta u r-raza tal-cannabis li l-Avukat Generali ordna fuq hekk li l-imputat jitressaq quddiem din il-Qorti ai termini tal-kontro-mandat mahrug minnu.

Intant, trattat seriatim l-akkuzi ai terminu tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali, jinghad kif isegwi:

- rigward is-serq prospettat fir-rinviju aggravat bil- valur u bix-xorta tal-haga misruqa, mill-provi in atti jirrisulta li I-vettura, oggett dan is- serq, kienet tal-gharnla Ford Mondeo numru ta' registrazzjoni FBW-803. Mix-xhieda in atti huwa abbundantement car li kien I-imputat artefici ta' din is-serqa hekk kif aggravata fic-cert bix-xorta tal-haga misruqa;

- idem fir-rigward l-attentat ta' serq tal-vettura Opel (proprjament Vauxhall) Vectra numru ta' registrazzjoni ML04YJF li tinsab pruvata bl-aggravju tax-xorta tal-haga misruqa u l-valur li hu pruvat mid-dok.173 sa l-arnmont ta' €1,243.69;
- fil-konfront tal-akkuza ta' hsara volontarja skond l-Artikolu 238 tal-Kap 9 mill-provi, senjatament ix-xhieda ta' Stephen Cachia mit-Transport Malta, jirrisulta li l-vettura kienet tal-marka Peaugot numru ta' registrazzjoni MNU 238 (c-citazzjoni erronjament tindikah bhala MNU 235). M'hernm pero ebda dubbju li si tratta tal-istess vettura u jghodd ir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali li jipprospetta appuntu r-reat ta' hsara volontarja ghall-liema reat pero' m'hernmx provi bizzejjed li jindentifikaw l-imputat mal-hsara. Addirittura, l-persuna li allegattament sofriet il-hsara ma xehditx;

- dwar l-akkuza taht l-Artikolu 55(a) tal-Kap 408 mix-xhieda ricevuta in atti dan ir-reat jirrisulta pruvat anka biss [li mhux il-kaz] mill-istqarrija debitament rilaxxjata minnu lill-Pulizija u tirrisulta waqt l-attent ta' serq;
- idem ghall-akkuzi relatati mal-ingurji u t-theddid u l-attakk u resistenza ai termini tal- Artikolu 95 u 96 tal-Kap 9. Fuq dan hu proprju l-ilment tal-imputat, li gie maltrattat mill- pulizija, li toffri l-prova tal-kolpovolezza tieghu kif evidenzjat mill-griehi li gew riskontrati fuq il-persuna tieghu dovuti, fil-fehma tal-Qorti, ghall-aggressivita' tieghu waqt l-arrest. Hu  pacifiku li l-Pulizija huma gustifikati li juzaw dik il-forza minima u ragjonevoli fit-twettiq ta' arrest. Dwar l-ingurji u theddid hemm ix-xhieda tal-Pulizija li hadu sehem fl-arrest tal-imputat. Jissusisti, invece, kontra l-imputat l-akkuza tal-ferita li garrab il-pulizija Pc131 Nathan Bugeja fl-istess incident li hi ccertifikata bhala hafifa u kolpita bl-Artikolu 95 tac-citat Kap u wkoll ghall-ferita sofferta minn Faitham Falzon fil- kors tal-attentat ta' serq;
- ir-recidiva tirrisulta ben pruvata.
- l-akkuza fil-konfront tas-sustanza 'cannabis' hi wkoll pruvata.

Ikkonsidrat:

Rat l-Artikoli 261(c)(g), 267, 271(g), 279(a), 41, 221, 328, 95, 96, 17(b) u (d), 49, 50 tal-Kap 9, l-Artikolu 559a) u 51(9) tal-Kap 480, l-Artikolu 8(d) u 22 tal-Kap 101.

In vista ta' dak li ntqal fuq Il-Qorti ssib l-imputat hati ai termini tar-rinviju tal-Avukat Generali ta'l-ewwel, t-tieni, t-tielet, tar-raba, l-hames, s-seba, t-tmienja, d-disa, t-tnax u t- tlettax l-akkuza.

Ghall dak li huma l-offizi kontravenzjonali (referenza l-akkuzi 6, 10 u 11) l-Qorti taghmel referenza ghall-Artikolu 17(d) tal-Kap 9 li f'kull kaz huma esenti minn piena.

In kwantu ghall-piena l-Qorti hadet konsiderazzjoni tar-rapport ferm posittiv li ppresentat l-ufficjal tal-probation, nominata minn din l-istess Qorti.

Filwaqt li tikkundanna l-imputat multa ta' €699 fuq l-akkuza numru (4) taht l-Kap 480,tiddecidi dwar il-kumplament, fuq l-iskorta tar-rapport tal-ufficjal tal-probation li timponi fuq l-imputat combination order ai termini tal-Artikolu 18 tal-Kap 446 b'dan li tqieghdu taht is-sorveljanza ta'ufficjal ta' probation ghal zmien tlett snin mill-lum kif specifikat fl-Artikolu 7 u jaqdi ordni ta' servizz fil-komunita' kif specifikat fl-Artikolu 11 ta' mitt siegha.

Tastjeni milli tordna l-konfiska stante li ma jidhirx li giet esebita la formalment u lanqas materjalment.

Il-Qorti spiegat lill-imputat r-responsabiltajiet tieghu skond is-sentenza.

A.M.Trigona

Magistrat